Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0132(COD)

10.2.2023

EMENDI
1 - 90

Mandat aġġornat
Jorge Buxadé Villalba
(PE661.979v01-00)

dwar il-proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil tad-data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi u r-Regolamenti emendatorji (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818

Proposta għal regolament
(COM(2020)0614 – C9-0131/2020 – 2016/0132(COD))

Emenda 1
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulat) u li temenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818	Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (riformulat) u li temenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818

Or. en

Emenda 2
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 1 – Premessa 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4a) ***"***Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u skont ir-regoli tiegħu, huwa meħtieġ li fil-Eurodac jiġi indikat b'mod ċar il-fatt li kien hemm ċaqliq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inkluż f'każijiet ta' rilokazzjoni. ***Barra minn hekk, sabiex l-obbligi li l-Istati Membri jridu jwettqu operazzjonijiet***	(4a) Barra minn hekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] u skont ir-regoli tiegħu, huwa meħtieġ li fil-Eurodac jiġi indikat b'mod ċar il-fatt li kien hemm ċaqliq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri, inkluż f'każijiet ta' rilokazzjoni.

ta' tfittxija u salvataġġ jiġu riflessi b'mod preċiż, u biex dawn l-Istati Membri jiġu megħjuna fl-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw billi huma ma jistgħux japplikaw l-istess għodod għal persuni żbarkati wara tali operazzjonijiet bħal dawk għal qsim irregolari bl-art jew bl-ajru, huwa meħtieġ ukoll li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi żbarkati wara operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ jiġu rreġistrati bħala kategorija separata fil-Eurodac.

Or. en

Emenda 3
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5a) ***"***Huwa meħtieġ ukoll li ***jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jiżguraw il-funzjonament ta'*** dik is-sistema fil-qafas tal-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817[25] u 2019/818[26] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.	(5a) Huwa meħtieġ ukoll li ***jiżguraw li*** dik is-sistema ***tiffunzjona*** fil-qafas tal-interoperabbiltà stabbilit bir-Regolamenti (UE) 2019/817[25] u 2019/818[26] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***skont ir-Regolament attwali u f'konformità mar-Regolament 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26a], b'mod partikolari l-prinċipji tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tal-limitazzjoni tal-iskop stabbiliti f'dak ir-Regolament. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet ċari li jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali maħtura tal-Istati Membri, u l-korpi tal-Unjoni li għandhom aċċess għall-Eurodac, jaraw biss id-data li hija strettament rilevanti għat-twettiq tal-kompiti speċifiċi tagħhom.***
[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta'	[25] Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta'

informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.	informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.
[26] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85-135.	[26] Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-asil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85-135.
	[26a] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ***(*****ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1*****).***

Or. en

Emenda 4
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5ba) Għall-fini tat-twettiq tal-kompiti stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2019/1896[1a] u (UE) 2021/2303[1b] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, huwa meħtieġ li l-membri tal-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta skjerati permezz ta' timijiet tal-

ġestjoni tal-fruntieri, timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u timijiet tar-ritorn, u tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil, (timijiet tal-"Aġenziji") ikollhom aċċess għall-Eurodac. Meta jintalbu mill-Istat Membru li jospita operazzjoni partikolari, jenħtieġ li l-membri tat-timijiet tal-Aġenziji jkunu jistgħu jieħdu u jittrażmettu d-data rilevanti tal-Eurodac bl-użu tas-soluzzjonijiet tal-IT tal-Istati Membri.

[1a] ***Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (*ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1*).***

[1b] ***Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (*ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1*).***

Or. en

Emenda 5
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 2 – Premessa 5c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5c) ***Bl-istess mod, għall-fini tal-ġestjoni tal-migrazzjoni irregolari, huwa meħtieġ*** li eu-LISA ***titħalla*** tipproduċi ***statistiki*** bejn sistema u oħra bl-użu ta' data ***mill-Eurodac, tas-Sistema*** ta' Informazzjoni dwar il-Viża, ***tal-ETIAS u tas-Sistema*** ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki	(5c) ***Għall-fini tal-għoti ta' assistenza lill-Istati Membri bil-kontroll tal-immigrazzjoni irregolari u tal-għoti ta' statistika utli lil dawk*** li ***jfasslu l-politika biex jiġi mħeġġeġ tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza, jenħtieġ li*** eu-LISA ***tkun kapaċi*** tipproduċi ***statistika*** bejn sistema u oħra bl-użu ta' data ***mill-bażijiet***

bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";	ta' ***data tal-Unjoni rilevanti, b'mod partikolari l-Eurodac, is-Sistema ta'*** Informazzjoni dwar il-Viża, ***l-ETIAS, is-Sistema*** ta' Dħul/Ħruġ. Sabiex jiġi speċifikat il-kontenut ta' dawn l-istatistiki bejn sistema u oħra, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.";
	Or. en

Emenda 6
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 3 – Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "Għal dawn l-għanijiet, hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "Eurodac", li tikkonsisti f'Sistema Ċentrali u mir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/818, li għandhom iħaddmu bażi ta' data ċentrali kompjuterizzata ta' data bijometrika , kif ukoll f'mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni bejn dawn [is-Sistema Ċentrali u r-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità] u l-Istati Membri, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni".';	(6) "Għal dawn l-għanijiet, hemm bżonn li tiġi stabbilita sistema magħrufa bħala "Eurodac", li tikkonsisti f'Sistema Ċentrali u mir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/818, li għandhom iħaddmu bażi ta' data ċentrali kompjuterizzata ta' data bijometrika , kif ukoll f'mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni bejn dawn [is-Sistema Ċentrali u r-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità] u l-Istati Membri, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni".';
	Or. en

Emenda 7
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 5 – Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) "Barra minn hekk, sabiex il-Eurodac tgħin b'mod effettiv fil-kontroll ***tal-migrazzjoni*** irregolari u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji ***fl-UE***, jeħtieġ li s-sistema tkun tista' tgħodd l-applikanti flimkien mal-applikazzjonijiet billi torbot is-settijiet kollha ta' data li jikkorrispondu ma' persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, f'sekwenza waħda.";	(14) "Barra minn hekk, sabiex il-Eurodac tgħin b'mod effettiv fil-kontroll ***tal-immigrazzjoni*** irregolari ***lejn l-Unjoni,*** u fid-detezzjoni ta' movimenti sekondarji ***fl-Unjoni***, jeħtieġ li s-sistema tkun tista' tgħodd l-applikanti flimkien mal-applikazzjonijiet billi torbot is-settijiet kollha ta' data li jikkorrispondu ma' persuna waħda, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, f'sekwenza waħda. ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali u l-korpi tal-Unjoni jkunu jistgħu jaraw biss id-data personali li tkun strettament rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, anke jekk id-data tkun marbuta f'sekwenza. Dan ma jaffettwax il-perjodu ta' żamma ta' kull sett ta' data.***";

Or. en

Emenda 8
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6 – Premessa 24a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 24:	***imħassar***
(24a) "Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huwa mfakkar li persuna jenħtieġ li titqies li qed toqgħod illegalment fit-territorju tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni jekk dik il-persuna ma tapplikax għal protezzjoni internazzjonali wara r-rilokazzjoni jew b'xi mod ieħor ma tissodisfax jew ma għadhiex tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħra għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza fl-Istat	

Membru ta' rilokazzjoni.";

Or. en

Emenda 9
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6 – Premessa 24aa (ġdid)
b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24aa) Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu nstabu li qed joqogħdu b'mod irregolari fi Stat Membru japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fil-mument jew wara li jinqabdu, dak l-Istat Membru jenħtieġ li ma jkunx eżentat mill-obbligu li jiġbor u jirreġistra d-data bijometrika ta' dik il-persuna skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 10
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6 – Premessa 24ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24ab) Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkunu nqabdu f'konnessjoni ma' qsim irregolari ta' fruntiera esterna japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fil-mument jew wara li jinqabdu, l-Istat Membru li jaqbadhom jenħtieġ li ma jkunx eżentat mill-obbligu li jiġbor u jirreġistra d-data bijometrika ta' dik il-persuna skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 11
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6 – Premessa 24ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(24ac) Jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw mill-ġdid id-data bijometrika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi maqbuda b'konnessjoni mal-qsim irregolari ta' fruntiera esterna jew li jinstabu joqogħdu illegalment fi Stat Membru meħuda skont dan ir-Regolament għall-finijiet ta' trażmissjoni lis-Sistema Ċentrali u s-CIR f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 12
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Preambolu – Punt 6a (ġdid) – Premessa 57a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) il-premessa li ġejja tiddaħħal wara l-premessa 57:
	(57a) Sabiex l-eu-LISA tkun tista' tibda l-proċess ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-Eurodac hekk kif dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiżguraw li r-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jilħqu l-livell indikat fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 13
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tgħin ***fl-applikazzjoni tar-Regolament*** (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni] skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;	(b) tgħin ***fl-identifikazzjoni ta' movimenti sekondarji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi risistemati skont ir-Regolament*** (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar ir-Risistemazzjoni] skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 14
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ca

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) tgħin fil-protezzjoni tat-tfal vittmi tat-traffikar ta' bnedmin u l-identifikazzjoni u l-protezzjoni ta' tfal neqsin;

Or. en

Emenda 15
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 –Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) jistgħu jitolbu t-tqabbil tad-data bijometrika jew alfanumerika ma' dik maħżuna fis-Sistema Ċentrali għal	(d) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ***jkunu*** jistgħu jitolbu t-tqabbil tad-data bijometrika jew alfanumerika ma' dik maħżuna fis-Sistema Ċentrali ***jew fir-***

skopijiet ta' infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra;	***Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR),*** għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra;

Or. en

Emenda 16
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) tappoġġa ***l-objettivi tas-Sistema*** Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, "ETIAS") stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1240;	(f) tappoġġa ***l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mas-Sistema*** Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, "ETIAS") stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1240;

Or. en

Emenda 17
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) tappoġġa ***l-objettivi tas-Sistema*** ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Visa Information System, VIS) imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 767/2008.	(g) tappoġġa ***l-kondiviżjoni*** ta' informazzjoni ***mas-Sistema ta' Informazzjoni*** dwar il-Viża (Visa Information System, VIS) imsemmija fir-Regolament (KE) Nru 767/2008.

Or. en

Emenda 18
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt g a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) tiffaċilita l-produzzjoni ta' statistika dwar persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali, dwar persuni li jaslu għal raġunijiet ta' risistemazzjoni jew ammissjoni umanitarja, u dwar persuni mogħtija u rrifjutati protezzjoni internazzjonali sabiex jiġi appoġġat it-tfassil tal-politika tal-Unjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni abbażi tal-evidenza.

Or. en

Emenda 19
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ta' data maħsuba għall-Eurodac mill-Istat Membru ta' oriġini f'bażijiet ta' data stabbiliti skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru, id-data dwar marki tas-swaba' u data personali oħra jistgħu jkunu pproċessati fil-Eurodac biss għall-iskopijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament***, fir-Regolament*** (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni] ***u fir-Regolament*** (UE) XXX/XXX [Regolament dwar ir-Risistemazzjoni] .***'***;	2. Mingħajr preġudizzju għall-ipproċessar ta' data maħsuba għall-Eurodac mill-Istat Membru ta' oriġini f'bażijiet ta' data stabbiliti skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru, id-data dwar marki tas-swaba' u data personali oħra jistgħu jkunu pproċessati fil-Eurodac biss għall-iskopijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ***u fir-Regolamenti*** (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni]**,** (UE) XXX/XXX [Regolament dwar ir-Risistemazzjoni]**,** ***(UE) 2019/818, (UE) XXX/XXX b'emenda għar-[Regolament VIS] u (UE) 2018/1240.''***;

Or. en

Emenda 20
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Dan ir-Regolament jirrispetta bis-sħiħ id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali b'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata tal-individwu, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għall-ażil, id-dritt għan-non-refoulement, u għall-projbizzjoni tat-tortura, it-trattament inuman jew degradanti. F'dak ir-rigward, l-ipproċessar ta' data personali f'konformità ma' dan ir-Regolament ma għandu jwassal għall-ebda tip ta' diskriminazzjoni.

Or. en

Emenda 21
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jikkostitwixxu kunsiderazzjoni primarja fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan jinkludi l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti u s-salvagwardji tad-drittijiet tat-tfal meta dan ir-Regolament jiġi applikat għal persuna li tiddikjara li hija tifel jew tifla jew, skont il-każ, persuna li dwarha hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li hija tifel jew tifla u li għalih jew għaliha ma jkun hemm l-ebda prova ta' sostenn dwar l-età disponibbli. Fil-każ ta'

inċertezza fir-rigward tal-età tat-tifel u t-tifla, l-awtoritajiet għandhom jagħtu lil dik il-persuna l-benefiċċju tad-dubju. Fil-każ ta' inċertezza fir-rigward tal-età ta' persuna li tkun iddikjarat li hija tifel jew tifla, l-awtoritajiet għandhom jagħtu lil dik il-persuna l-benefiċċju tad-dubju. Dan ifisser li jekk ikun possibbli li dik il-persuna jkollha inqas minn 6 snin, l-awtoritajiet għandhom jittrattaw lil dik il-persuna bħala tali.

Or. en

Emenda 22
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Meta d-data tal-Eurodac tkun relatata ma' minorenni taħt l-erbatax-il sena, dik id-data għandha tintuża biss għal finijiet ta' infurzar tal-liġi, bl-eċċezzjoni ta' finijiet relatati mat-traffikar tat-tfal, fejn ikun hemm evidenza addizzjonali li turi li dik id-data hija rilevanti għall-prevenzjoni, ir-rintraċċar jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew ta' reati kriminali serji oħra.

Or. en

Emenda 23
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 9 – Artikolu 1 – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. It-tfal m'għandhomx jiġu detenuti minħabba d-determinazzjoni jew il-

	verifika tal-identità tagħhom jew biex tittieħed id-data bijometrika tagħhom independentement mill-età tagħhom u minn jekk mhumiex akkumpanjati jew huma akkumpanjati mill-familji tagħhom. Jenħtieġ li jiġu użati alternattivi għad-detenzjoni meta jkunu kkonċernati t-tfal u l-familji tagħhom.

Or. en

Emenda 24
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10 – punt -a (ġdid) – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 1, jiddaħħal il-punt li ġej:
	(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida risistemati" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li, wara l-proċedura ta' risistemazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew ir-[Regolament XXX/XXX] [Regolament dwar ir-Risistemazzjoni], jaslu fit-territorju tal-Istat Membru ta' risistemazzjoni;

Or. en

Emenda 25
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10 – punt b – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(***b*** p) "CIR" tfisser repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità kif definit fl-Artikolu 17 tar-Regolament	(p) "CIR" tfisser repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità kif definit fl-Artikolu 17 tar-Regolament

(UE) 2019/818;	(UE) 2019/818***, li għandu jissostitwixxi s-Sistema Ċentrali tal-Eurodac sal-punt li jaħżen id-data personali msemmija fl-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 26
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 10 – punt b – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ra (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ra) "tifel jew tifla" tfisser kull bniedem taħt l-età ta' tmintax-il sena kif definit fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Or. en

Emenda 27
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) kif imsemmi ***fl-Artikolu 17***(2) ***tar-Regolament 2019/818***;	(c) repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR) kif imsemmi ***fl-Artikolu 17***(2) ***tar-Regolament 2019/818, li għandu jissostitwixxi s-Sistema Ċentrali sal-punt li jaħżen id-data personali msemmija fl-Artikolu 18 ta' dak ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 28
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-CIR għandu jkun fih id-data msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), fl-Artikolu 13(2) minn (a) sa (f), (h), u (i), fl-Artikolu 14(2) minn (a) sa (f), (h) u (i) u fl-Artikolu 14a minn (a) sa (f), (h) u (i). Il-kumplament tad-data tal-Eurodac għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali.	2. Is-CIR għandu jkun fih id-data ***personali*** msemmija fl-Artikolu 12, il-punti minn (a) sa (f), (h) u (i), fl-Artikolu 13(2) minn (a) sa (f), (h), u (i), fl-Artikolu 14(2) minn (a) sa (f), (h) u (i) u fl-Artikolu 14a minn (a) sa (f), (h) u (i). Il-kumplament tad-data tal-Eurodac għandha tinħażen fis-Sistema Ċentrali.

Or. en

Emenda 29
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-data dwar persuni koperti ***bl-Artikoli 10***(1), 13(1), 14(1) u 14a(1) li tiġi pproċessata fis-Sistema Ċentrali għandha tiġi pproċessata f'isem l-Istat Membru ta' oriġini skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u separata b'mezzi tekniċi xierqa.	5. Id-data dwar persuni koperti ***bl-Artikoli 10***(1), 13(1), 14(1) u 14a(1) li tiġi pproċessata fis-Sistema Ċentrali għandha tiġi pproċessata f'isem l-Istat Membru ta' oriġini skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ***f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament (UE) 2018/1725 jew id-Direttiva (UE) 2016/680 kif xieraq,*** u ***għandha tiġi*** separata b'mezzi tekniċi xierqa.

Or. en

Emenda 30
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Is-settijiet kollha ta' data rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f'sekwenza. Meta ***titnieda tfittxija bil-marki tas-swaba' fis-sett tad-data ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna apolida*** u tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma' mill-inqas sett ieħor ta' ***marki*** tas-swaba' f'sett ieħor ta' data li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet tad-data fuq il-bażi tat-tqabbil ***tal-marki tas-swaba***'. ***Jekk*** ikun ***meħtieġ, it-tqabbil tal-marki tas-swaba' għandu jiġi ċċekkjat u kkonfermat minn espert tal-marki tas-swaba'*** f'***konformità mal-Artikolu 26***. Meta l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni.	6. Is-settijiet kollha ta' data rreġistrati fil-Eurodac li jikkorrispondu mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida għandhom ikunu marbuta f'sekwenza. Meta ***jitwettaq tqabbil awtomatiku f'konformità mal-Artikoli 15*** u ***16 u*** tinkiseb hit meta dawn jiġu mqabbla ma' mill-inqas sett ieħor ta' ***data tal-marki*** tas-swaba' ***u l-immaġni tal-wiċċ, jew ta' data tal-immaġni tal-wiċċ biss,*** f'sett ieħor ta' data li jikkorrispondi mal-istess ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, il-Eurodac għandha awtomatikament torbot flimkien dawk is-settijiet tad-data fuq il-bażi tat-tqabbil***. Madankollu, l-aċċess tagħha kemm mill-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri kif ukoll mill-aġenziji awtorizzati tal-Unjoni Ewropea għandu jkun regolat b'mod strett, sabiex jiġi ssalvagwardjat b'mod effettiv id-dritt ta' persuna għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data***. ***Għalhekk, tali aċċess għandu, jiġifieri,*** ikun ***limitat fiż-żmien u ristrett għad-data rilevanti għat-twettiq speċifiku ħafna tal-kompiti tagħhom. Barra minn hekk,*** f'***każ ta' dubju, espert għandu jiverifika, skont l-Artikolu 26(4) u (5), ir-riżultat ta' tqabbil awtomatiku mwettaq skont l-Artikoli 15 u 16***. Meta ***sett ta' data rreġistrat fil-Eurodac jitħassar, l-eżistenza ta' konnessjoni għal dak is-sett ta' data għandha titħassar awtomatikament ukoll. Meta*** l-Istat Membru riċeventi jikkonferma l-hit, huwa għandu jibgħat notifika lill-eu-LISA, li tikkonferma l-konnessjoni.
	Or. en

Emenda 31
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11 – Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-regoli li jirregolaw il-Eurodac għandhom japplikaw ukoll għal operazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri mit-trażmissjoni tad-data lejn is-Sistema Ċentrali sakemm isir użu mir-riżultati tat-tqabbil.";	1. Ir-regoli li jirregolaw il-Eurodac għandhom japplikaw ukoll għal operazzjonijiet magħmula mill-Istati Membri mit-trażmissjoni tad-data lejn is-Sistema Ċentrali ***jew is-CIR*** sakemm isir użu mir-riżultati tat-tqabbil.";

Or. en

Emenda 32
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 11a (ġdid) – Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) L-Artikolu 5(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:
	1. Qabel il-bidu tal-użu operazzjonali tal-Eurodac, il-qafas tas-sigurtà għall-ambjent kummerċjali u tekniku tal-Eurodac għandu jiġi aġġornat kif xieraq, f'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], l-eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni operazzjonali tal-Eurodac.
	[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (*ĠU **L 295, 21.11.2018, p. 39).***

Or. en

Emenda 33
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minn [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], ***is-Sistema Ċentrali*** tal-Eurodac ***għandha tiġi konnessa*** mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi ***fl-Artikolu 6*** tar-Regolament (UE) 2019/818 biex jiġi permess l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi ***fl-Artikolu 11*** tar-Regolament (UE) 2018/1240.	1. Minn [id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], ***il-komponent*** tal-Eurodac ***tas-CIR għandu jiġi konness*** mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi ***fl-Artikolu 6*** tar-Regolament (UE) 2019/818 biex jiġi permess l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi ***fl-Artikolu 11*** tar-Regolament (UE) 2018/1240.

Or. en

Emenda 34
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8a – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu ***11*** tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifiki previsti fl-Artikolu 20 u l-verifiki sussegwenti tal-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament. Għall-fini tat-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 20(2)(k) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża l-portal Ewropew tat-tfittxija biex tqabbel data fl-ETIAS ma' data fil-Eurodac miġbura fuq il-bażi tal-Artikoli 12, 13, 14 u 14a ta' dan ir-Regolament li tikkorrispondi għal individwi li jkunu telqu jew tneħħew mit-territorju ta' Stati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija u bl-użu tal-korrispondenzi elenkati fit-tabella fl-	2. L-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu ***20*** tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifiki previsti fl-Artikolu 20 u l-verifiki sussegwenti tal-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament. Għall-fini tat-twettiq tal-verifiki msemmija fl-Artikolu 20(2)(k) tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża l-portal Ewropew tat-tfittxija biex tqabbel data fl-ETIAS ma' data fil-Eurodac miġbura fuq il-bażi tal-Artikoli 12, 13, 14 u 14a ta' dan ir-Regolament ***f'format*** li ***jinqara biss, li*** tikkorrispondi għal individwi li jkunu telqu jew tneħħew mit-territorju ta' Stati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tneħħija u bl-użu tal-korrispondenzi

Anness II ta' dan ir-Regolament.	elenkati fit-tabella fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
Il-verifiki għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1240.	Il-verifiki għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1240.

Or. en

Emenda 35
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8b – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Għall-finijiet tal-Artikolu 1(1)(f),*** l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollhom aċċess ***għall-Eurodac u għandhom ikunu jistgħu jikkonsultawh***, f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. B'mod partikolari, l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli minn 12, 13, 14 u 14a.	2. L-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għandu jkollhom aċċess ***temporanju biex jikkonsultaw l-Eurodac***, f'format li jinqara biss, għall-fini li jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar. B'mod partikolari, l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw id-data msemmija fl-Artikoli minn 12, 13, 14 u 14a.

Or. en

Emenda 36
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini ta' verifika manwali tal-hits skattati mit-tfittxijiet awtomatizzati mwettqa mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża skont l-Artikoli [9a u 9c] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-eżami u d-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal	Għall-fini ta' verifika manwali tal-hits skattati mit-tfittxijiet awtomatizzati mwettqa mis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża skont l-Artikoli [9a u 9c] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-eżami u d-deċiżjoni dwar l-applikazzjonijiet għal

viża skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti tal-viża għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac biex jikkonsultaw id-data f'format li jinqara biss.	viża skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti tal-viża għandu jkollhom aċċess għall-Eurodac biex jikkonsultaw id-data f'format li jinqara biss.
	[1] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1–58.

Or. en

Emenda 37
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 12 – Artikolu 8ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8ca
	Aċċess għall-Eurodac mit-Timijiet tal-korp permanenti u tal-Appoġġ fil-qasam tal-Ażil tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta
	1. Għall-fini tal-implimentazzjoni tal-kompiti stabbiliti fl-Artikolu 40(4) u l-Artikolu 55(7) tar-Regolament (UE) 2019/1896 u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) XXX [ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil], il-membri tal-korp permanenti tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta skjerati permezz ta' timijiet tal-ġestjoni tal-fruntieri, timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-migrazzjoni u timijiet tar-ritorn u tat-timijiet ta' appoġġ fil-qasam tal-ażil tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (timijiet tal-"Aġenziji") jistgħu jaċċessaw l-Eurodac sabiex jieħdu u jittrażmettu data bijometrika u alfanumerika f'konformità mal-Artikoli 10(3), 12a(2),

13(7) u 14a(7) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-membri tat-timijiet tal-Aġenziji għandhom jipproċessaw biss id-data msemmija fil-paragrafu 1 meta mitluba mill-Istat Membru li jospita l-operazzjoni inkwistjoni u f'konformità mal-pjan operazzjonali miftiehem bejn dak l-Istat Membru u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jew l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, kif applikabbli.

3. Meta jipproċessaw id-data tal-Eurodac, il-membri tat-timijiet tal-Aġenziji għandhom jaġixxu f'isem u skont l-istruzzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti kif stabbilit fil-pjan operazzjonali. Ir-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari l-obbligi stabbiliti f'dak ir-Regolament relatati mal-proċessuri tad-data, għandhom japplikaw. F'konformità mal-Artikolu 30(6) tar-Regolament (UE) 2021/2303, ir-Regolament (UE) 2016/679 għandu japplika għall-membri tat-Timijiet ta' Appoġġ għall-Asil.

Or. en

Emenda 38
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 8d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minn [id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jemenda r-Regolament dwar il-VIS], kif previst fl-Artikolu [9] ta' dak ir-Regolament, il-Eurodac għandha tkun konnessa mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/817 sabiex jiġi ffaċilitat il-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu [9a] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 għat-tfittxija fil-	Minn [id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX li jemenda r-Regolament dwar il-VIS], kif previst fl-Artikolu [9] ta' dak ir-Regolament, il-Eurodac għandha tkun konnessa mal-portal Ewropew tat-tfittxija msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/817 sabiex jiġi ffaċilitat il-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu [9a] tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 għat-tfittxija fil-

Eurodac u d-data rilevanti fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża tkun tista' titqabbel mad-data rilevanti fil-Eurodac. Il-verifiki għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 9(b) tar-Regolament 767/2008.";	Eurodac u d-data rilevanti fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża tkun tista' titqabbel mad-data rilevanti fil-Eurodac. Il-verifiki għandhom ikunu mingħajr ħsara għar-regoli speċifiċi previsti fl-Artikolu 9(b) tar-Regolament 767/2008.";

Or. en

Emenda 39
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull xahar, eu-LISA għandha tħejji statistika dwar ix-xogħol tas-Sistema Ċentrali, li tindika b'mod partikolari:	1. Kull xahar, eu-LISA għandha tħejji statistika dwar ix-xogħol tas-Sistema Ċentrali ***u tas-CIR***, li tindika b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 40
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd ta' applikazzjonijiet irrifjutati li jirriżultaw mill-proċess ta' konnessjoni msemmi fl-Artikolu 4(6) u skont ***l-Artikolu 12 (za***);	(b) l-għadd ta' applikazzjonijiet irrifjutati li jirriżultaw mill-proċess ta' konnessjoni msemmi fl-Artikolu 4(6) u skont ***l-Artikolu 12(x***);

Or. en

Emenda 41
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-għadd ta' settijiet ta' data trażmessi dwar persuni msemmija ***fl-Artikoli 10***(1), 13(1)***,*** 14(1) ***u 14a(1)***;	(c) l-għadd ta' settijiet ta' data trażmessi dwar persuni msemmija ***fl-Artikoli 10***(1), 13(1) ***sakemm dawn il-persuni ma jkunux koperti mis-settijiet ta' data msemmija fl-Artikoli 10(1) u*** 14(1) ;

Or. en

Emenda 42
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) li ġew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 43
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d iv a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv a) li ngħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru;

Or. en

Emenda 44
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d iv b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv b) li kienu minorenni fiż-żmien meta s-sett ta' data ġie rreġistrat fil-Eurodac;

Or. en

Emenda 45
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt e iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv a) li ġew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 46
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt e iv a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv a) li ngħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru;

Or. en

Emenda 47
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt e iv b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv b) li kienu minorenni fiż-żmien meta s-sett ta' data ġie rreġistrat fil-Eurodac;

Or. en

Emenda 48
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt f iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) li ġew żbarkati wara operazzjoni ta' tfittxija u salvataġġ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 49
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt f iv a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv a) li ngħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru;

Or. en

Emenda 50
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt f iv b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv b) li kienu minorenni fiż-żmien meta

s-sett ta' data ġie rreġistrat fil-Eurodac;

Or. en

Emenda 51
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt g iv a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv a) li ngħataw protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru;

Or. en

Emenda 52
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt g iv b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iv b) li kienu minorenni fiż-żmien meta s-sett ta' data ġie rreġistrat fil-Eurodac;

Or. en

Emenda 53
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) l-għadd ta' talbiet magħmula ***għall-persuni msemmija fl-Artikolu*** 31;	(m) l-għadd ta' talbiet magħmula ***f'konformità mal-Artikolu*** 31;

Or. en

Emenda 54
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Termini ta' promulgazzjoni – Punt 13 – Artikolu 9 — paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
